

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralij jogħġobha:

- tiddikjara lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni responsabbi għad-dannu mhux kuntrattwali u tikkundannah iħallas kumpens għad-dannu subit mir-rikorrenti bħala riżulta tal-azzjonijiet u tal-omissionijiet kollha tiegħu li ċaħduha mill-azzjonijiet f'BANCO POPULAR ESPAÑOL, S.A., li kienu proprjetà tagħha;
- tikkundanna lill-Bord iħallas lir-rikorrenti bħala ammont ta' kumpens għad-dannu subiti (l-“ammont dovut”);
 - għad-danni materjali, l-ammont totali ta' EUR 160 558,41 għad-deprezzament fil-valur tal-azzjonijiet ta' Banco Popular; u
 - għad-danni morali, ammont ta' EUR 160 558,41 jew kull ammont li l-Qorti Ĝeneralij jidhrilha xieraq;
- tordna li jiġi inkrementat l-ammont dovut permezz ta' interassi kumpensatorji, mis-7 ta' Ġunju 2017 sad-data li fiha tingħata s-sentenza li taqta' l-kawża;
- tordna li jiġi inkrementat dan l-ammont flimkien mal-interessi moratorji korrispondenti mid-data li fiha tingħata din is-sentenza sal-ħlas shiħiħ tal-ammont dovut, skont ir-rata stabbilita mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid, miżjud b'żewġ punti perċentwali.
- tikkundanna lill-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawża T-659/17, Vallina Fonseca vs Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (2017, C 424, p. 42).

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2018 – mobile.de vs EUIPO – Droujestvo S Ogranichena Otgovornost “Rezon” (mobile.ro)

(Kawża T-412/18)

(2018/C 294/75)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: mobile.de GmbH (Dreilinden, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Lührig, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Droujestvo S Ogranichena Otgovornost “Rezon” (Sofija, il-Bulgarija)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzuża: ir-rikorrenti

Trade mark kontenzuża kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-Unjoni mobile.ro – Trade mark tal-Unjoni Nru 8 838 542

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tad-29 ta' Marzu 2018 fil-Każ R 111/2015-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 18(1)(a), moqri flimkien mal-Artikolu 64(2) u (3), tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 19(2) u l-Artikolu 10(3) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625, moqri flimkien mal-Artikolu 64(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 60(1)(a), moqri flimkien mal-Artikolu 8(1)(b) u mal-Artikolu 8(2)(a)(ii), tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 4(3) TUE, moqri flimkien mal-prinċipju legali stipulat fl-Artikolu 59(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Numru 207/2009 u mal-Artikolu 61(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Lulju 2018 – Portigon vs BUR

(Kawża T-413/18)

(2018/C 294/76)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Portigon AG (Düsseldorf, il-Ġermanja) (rappreżentanti: D. Bliesener u V. Jungkind, avukati)

Konvenut: Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-konvenut, tat-12 ta' April 2018, dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex-ante* tal-2018 għall-Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni tal-Banek (SRB/ES/SRF/2018/03), sa fejn din tikkonċerna lir-rikorrenti;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka 7 motivi li huma essenzjalment identiċi jew simili għal dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-420/17, Portigon vs BUR⁽¹⁾.

⁽¹⁾ ĠU 2017, C 277, p. 56.